

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/155/KE****tat-30 ta' Novembru 2009**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-livell ta' purità meħtieġ tas-sustanza attiva metazachlor**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqeħħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (¹), u b'mod partikolari t-tieni inċiż tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Wara eżami li fih ir-Renju Unit aġixxa bħala Stat Membru relatur, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/116/KE (²) inkludiet is-sustanza attiva metazachlor fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Fir-rigward ta' dik is-sustanza, id-Direttiva 2008/116/KE stabbiliet livell massimu ta' 0,01 % għal toluene bħala impurità tal-manifattura. Dak il-livell kien ibbażat fuq l-ispeċifikazzjoni mogħtija min-notifikatur.
- (2) In-notifikatur talab għal emenda fid-Direttiva 91/414/KEE li żid dak il-livell massimu għal 0,05 %. Dan issotto-metta t-tagħrif neċċessarju biex ikun jista' jappoġġja t-talba tiegħu. Fit-2 ta' Frar 2009 l-Istat Membru relatur ippreżżenta addendum (³) mal-abbozz tar-rapport ta' eval-wazzjoni li fih ikkonkluda li livell massimu ta' 0,05 % ma jikkawża l-ebda riskju ieħor barra minn dawk ir-riskji li diġa' ġew meejusa fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għal dik is-sustanza.
- (3) Għaldaqstant, il-livell massimu ta' toluene bħala impurità tal-manifattura tal-metazachlor għandu jiżdied għal 0,05 %.
- (4) Għalhekk huwa xieraq li tīgi emendata d-Direttiva 91/414/KEE skont dan.
- (5) Peress li din id-Direttiva għandha tapplika mill-istess data tad-Direttiva 2008/116/KE, din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma fkonformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-İkel u s-Saħħha tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

**Artikolu 1**

Fir-ringiela 223 (metazachlor) tal-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, fil-kolonna 4 (il-purità), il-kliem “0,01 %” jinbidlu bil-kliem “0,05 %”.

**Artikolu 2**

L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufi jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Frar 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċċiali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

**Artikolu 3**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 4**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni  
Androulla VASSILIOU  
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

(²) ĠU L 337, 16.12.2008, p. 86.

(³) Addendum 2 – Jannar 2009 – mal-Volum 4, Anness C mar-rapport u d-deċiżjoni proposta tar-Renju Unit magħmula lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/414/KEE.